## Kappelli u Knejjes Żgħar fil-Mosta (8 u 9)

# Il-Kappella tal-Kunċizzjoni

minn Tony TERRIBILE



Fil-programm tal-festa ta' din is-sena se naraw żewġ knejjes li jinsabu mbegħda biċċa sew mill-Parroċċa iżda li jagħmlu parti mill-Mosta. It-tnejn li huma jagħtu ġieħ lil Marija Immakulata iżda hu tajjeb li qabel nitkellmu dwarhom naraw daqsxejn fil-qosor l-isfond ta' din il-qima Marjana fil-gżejjer tagħna.

Meta fl-1575 Mons. Pietro Duzina ġie Malta sab diġa' l-għeruq ta' din id-devozzjoni fil-gżejjer tagħna. Mal-mixja tas-snin din il-qima kompliet tikber u tinxtered f'kull parti ta' Malta u Għawdex billi nbnew numru ta' knejjes, filwaqt li żdiedu l-artali ddedikati lill-Kunċizzjoni f'bosta knejjes reliġjużi u djoċesani. F'dan il-moviment inbnew iż-żewġ knejjes li se nitkellmu dwarhom.

Dun Injazju Galea, nistgħu nħarsu lejh bħala wieħed mill-pijunieri li għen ħafna biex il-qima lejn l-Immakulata tidħol sew fil-Parroċċa tal-Mosta, għax kien hu li ħalla legat biex din il-festa Marjana tiġi ċċelebrata kull sena fuq l-artal ta' Santu Rokku. L-awtoritajiet Ekkleżjastiċi laqgħu dan il-legat nhar it-2 t'Awissu tal-1776.

Interessanti ħafna li f'dawn l-istess żminijiet il-pulptu ta' din il-knisja ġie mżejjen bi statwa tal-Kunċizzjoni ta' l-injam. Din l-istatwa għadha sa llum merfugħa fil-knisja ta' Sant'Anton.

Imma l-qima lejn l-Immakulata, il-Mostin ma ħallewiex magħluqa biss bejn l-erba' ħitan tal-knisja parrokkjali iżda ħarġuha 'l barra u waqqfu żewġ knejjes fin-naħat ta' Ta' Qali.

L-ewwel waħda nistgħu ngħidu li nbniet mill-ġdid wara li ġarrbet ħsarat kbar fl-aħħar Gwerra Dinjija billi tinsab qrib il-post fejn dari kien hemm il-mitjar tas-Servizzi Ingliżi.



*Il-Kappella ddedikata lill-Kunċizzjoni mwaqqfa ħdejn il-mitjar ta' Ta' Qali* (ritratt: Ruben Chetcuti)

Il-knisja oriġinali kienet inbniet minn Bartilmew Busuttil fis-seklu sbatax. F'dawk iż-żminijiet, dawn l-inħawi kienu magħrufa bħala 'Ta' Għandar il-Blat'. Barra l-bini tagħha, Bartilmew Busuttil, ħa ħsieb ukoll li jara li f'din il-knisja jiġu ċċelebrati numru ta' quddies. Tant hu hekk li waqqaf legat biex fil-festi prinċipali tal-Madonna jsiru seba' quddisiet, waħda f'kull festa.

Din il-knisja hija mżejna bi kwadru mpitter minn Filippo Dingli, li b'xorti tajba ħarab il-qerda ta' l-aħħar gwerra. Fin-nofs tiegħu naraw lil Marija Immakulata u fuq il-Missier Etern imdawwar bl-anġli. Fuq ix-xellug jidher San Ġużepp u quddiemu San Bartilmew b'tifkira ta' Bartilmew Busuttil u fuq in-naħa l-oħra hemm Santa Katerina Verġni u Martri li jista' jkun li din qegħda tfakkar lill-martu l-benefattur.

Meta fl-aħħar Gwerra Dinjija, intlaqtet din il-knisja u sfrundat l-art, tfaċċa qabar tal-qedem. L-awtoritajiet tal-Mużew għamlu rapport mill-ewwel. Meta din il-knisja reġgħet inbniet, ġiet mibnija fuq l-istess stil u għalhekk nistgħu ngħidu li saret kopja fidila tal-knisja oriġinali.



*Il-kappella talKunċizzjoni mżejna għall-festa tagħha fit-8 ta' Diċembru*
(ritratt: Ruben Chetcuti)

# Il-Kappella "taż-Żejfi"

Il-knisja l-oħra għandha wkoll laqam marbut magħha għax hi magħrufa bħala "Ta' Żejfi" u mhix imbegħda ħafna mill-oħra.

Din il-knisja nbniet fis-seklu sbatax mid-duttur Ġ. M. Camenzuli flok oħra aktar qadima. Kien il-Vigarju Ġenerali Don Filippo Borg li fil-5 ta' Diċembru 1607 kien ta l-awtorizzazzjoni liż-Żejfi biex jibni l-knisja preżenti. Fil-11 t'Awissu 1610 l-istess benefattur ħalla ġidu kollu lil din il-knisja.



*Il-kappella ddedikata lill-Kunċizzjoni, magħrufa bħala 'Taż-Żejfi', li nbniet taħt digriet li jġib id-data 5 ta' Diċembru, 1607*
**(ritratt: Ruben Chetcuti)**



*Il-kappella 'Taż-Żejfi' minn ġewwa. Interessanti huwa l-bini tas-saqaf, ċatt fuq numru ta' ħnejjiet.*
**(ritratt: Ruben Chetcuti)**

Meta wieħed jidħol fil-knisja "Ta' Żejfi" jara l-isbaħ eżempju ta' knisja ta' dawk iż-żminijiet, jiġifieri b'saqaf ċatt mibni fuq numru ta' ħnejjiet.

Fil-kwadru għandna d-dehra tal-Madonna mdawwra biż-żewġ eremiti San Pawl u San Anton. Ħasra li żmien ilu l-kwadru oriġinali kien insteraq.

Kif rajna għalhekk dawn iż-żewġ knejjes f'għieħ l-Immakulata, għalkemm għaddew minn fuqhom numru ta' snin u ġrajjiet, għadhom wieqfa bħala l-isbaħ xhieda tal-qedem tad-devozzjoni tal-Kunċizzjoni fil-Mosta filwaqt li llum qed jiffurmaw parti mill-patrimonju tar-raħal.


ta' Marija

**A glance at our " A La Carte" Menu:**

Dining at Ta' Marija is an event in its own. All dishes are individually prepared and are loaded with flavour and complemented with an extensive international wine list that also features a choice of the best Maltese wines.

• Mizet Malti • Brain Fritters • Snails with Arioli
• Kusksu • Ravioli • Fresh Fish Daily
• Octopus Dishes • Local Lamb • Laħam fuq il-Fwar
• Stuffed Calamari • Quails Hunters Style





***Maltese Extravaganza Night***

every Wednesday with
Traditional Maltese Folk Dancing & Singing and
Roving Guitars & Mandolins all evening!

Bruschetta and Bigilla
Spaghetti with Rabbit Sauce
or
Home-made Ravioli
in Tomato Sauce
or
Kusksu bil-Ful (Bean & Pasta Soup)
Traditional Fried Rabbit in Wine & Garlic
or
Bragioli (Beef Olives)
or
Fillet of Dendici in Caper Sauce
Selection of Vegetables & Potatoes
Desert Trolley